Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13091/20

LIMITE

EF 296
ECOFIN 1067
CCG 48
DRS 35
CODEC 1177
JAI 991
JUSTCIV 127
COMPET 569
EMPL 518
SOC 720

PUBLIC

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2010/0207(COD)**
**2011/0295(COD)**
**2015/0270(COD)**
**2016/0360(COD)**
**2016/0361(COD)**
**2016/0362(COD)**
**2016/0363(COD)**
**2016/0364(COD)**
**2018/0060(COD)**
**2018/0063(COD)**
**2020/0066(COD)**

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Suġġett: | Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja |

**Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja**

## I. Introduzzjoni

Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-**Pjan direzzjonali biex titlesta l-Unjoni Bankarja**, kif adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2016 (10460/16, "Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016"), il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Ġermaniża lejn it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja u kompla wkoll jimmonitorja l-progress fit-tnaqqis tar-riskju.

Id-diskussjonijiet li saru f'Diċembru 2019 fil-**Grupp tal-Euro u s-Summit tal-Euro** (laqgħa f'format inklużiv) enfasizzaw il-ħtieġa li tkompli l-ħidma fuq l-elementi kollha tat-tisħiħ ulterjuri tal-Unjoni Bankarja fuq bażi konsenswali, bil-għan li dawn il-kwistjonijiet jerġgħu jiġu indirizzati f'Ġunju 2020.

Filwaqt li jitqies li l-Unjoni Bankarja nħolqot bħala rispons għall-kriżi finanzjarja, kwalunkwe ħidma ulterjuri għandha tqis il-prinċipji gwida ewlenin tal-Unjoni Bankarja, jiġifieri li jitkisser iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u s-sovrani li kien fil-qalba tal-kriżi li jiżgura li s-settur bankarju fiż-żona tal-euro u fl-UE b'mod aktar ġenerali jkun sikur u affidabbli, u li banek mhux vijabbli jiġu riżolti mingħajr ma jkun hemm rikors għall-flus tal-kontribwenti u b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali filwaqt li tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri.

F'Ġunju 2020, f'nofs il-pandemija tal-COVID-19, il-Grupp tal-Euro mlaqqa' f'format inklużiv irrikonoxxa li l-ħolqien tal-Unjoni Bankarja kkontribwixxa b'mod sinifikanti biex jiġi żgurat settur bankarju aktar reżiljenti, u qabel li l-kriżi saħħet il-każ biex titlesta l-Unjoni Bankarja. Huwa stieden lid-deputati tagħhom biex jerġgħu jibdew il-ħidma fuq it-**tisħiħ ulterjuri tal-Unjoni Bankarja b'mod olistiku**, kemm jista' jkun malajr.

B'segwitu għal dan l-approċċ olistiku, il-Presidenza Ġermaniża fasslet il-programm ta' ħidma tal-**Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Bankarja** (AHWP, 5006/16), li ddiskuta fil-livell tekniku, waqt **erba' laqgħat informali matul il-Presidenza Ġermaniża**, l-elementi meqjusa essenzjali sabiex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja, jiġifieri:

- miżuri mfassla biex itejbu l-ġestjoni ta' kriżijiet,
- integrazzjoni akbar tas-settur bankarju tal-UE u l-kwistjoni tal-bilanċ bejn il-post ta' oriġini u dak ospitanti,
- it-trattament regolatorju ta' esponimenti sovrani, u
- diskussjonijiet tekniċi dwar karatteristiċi tad-disinn ta' assigurazzjoni tad-depożiti Ewropea (EDIS) abbażi tal-hekk imsejjaħ mudell ibridu.

Dawn id-diskussjonijiet kienu mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' negozjati politiċi dwar it-tisħiħ ulterjuri tal-Unjoni Bankarja.

Il-programm ta' ħidma tal-AHWP ġie kkoordinat mill-qrib ma' dawk tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-EDIS (HLWG) u l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni (EGBPI).

**Dan ir-rapport ta' progress jagħti sommarju tas-sitwazzjoni attwali** kif diskussa fl-erba' laqgħat imsemmija hawn fuq u tħejja taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza Ġermaniża, filwaqt li ttieħed kont tal-fehmiet espressi mill-membri tal-AHWP. Huwa maħsub biex jipprovdi l-kontinwità u jiffaċilita l-kompitu tal-Presidenza li jmiss, u ma għandux jitqies vinkolanti fuq id-delegazzjonijiet, peress li jikkostitwixxi l-valutazzjoni tal-Presidenza tal-eżitu tad-diskussjonijiet li saru[1].

Ir-rapport huwa maqsum fi tliet partijiet: It-taqsima II hija l-aktar parti estensiva tar-rapport li tkopri l-elementi msemmija hawn fuq essenzjali għat-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja. It-taqsima III tittratta r-reviżjoni tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożiti u t-taqsima IV tkopri l-monitoraġġ tat-tnaqqis tar-riskju, b'mod partikolari l-azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv.

## II. Elementi meqjusa essenzjali biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja

### II.1 Qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet

Il-Presidenza ddedikat żewġ sessjonijiet ta' ħidma għal diskussjonijiet dwar it-tisħiħ tal-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet għall-banek. Fl-**ewwel laqgħa fit-13 ta' Lulju**, id-diskussjonijiet iffokaw fuq:

- **l-interazzjoni bejn is-setgħat superviżorji skont id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD) u s-setgħat ta' intervent bikri skont id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)**, u

[1] Il-progress miksub preċedentement ġie ppreżentat f'rapporti ta' progress imħejjija mill-Presidenza Netherlandiża (10036/16), Slovakka (14841/16), Maltija (9484/17), Estonjana (14808/17), Bulgara (9819/18), Awstrijaka (14452/18), Rumena (9729/19 ADD1), Finlandiża (14354/19 REV1) u dik Kroata (8335/20 ADD1).

- mistoqsijiet relatati mal-**iskattaturi użati biex jiġi vvalutat jekk il-banek hux qed ifallu jew probabbilment ser ifallu (FOLTF)** u jekk hemmx vantaġġ fl-allinjament tagħhom mal-iskattaturi għall-falliment skont l-oqfsa nazzjonali ta' insolvenza.

Barra minn hekk, il-Presidenza pprovdiet dokument informali li jistabbilixxi l-premessi meqjusa bħala strumentali meta jiġu diskussi emendi futuri għall-ġerarkija tal-kredituri (eż. it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-kredituri). L-għan ta' dan id-dokument informali kien li jwitti t-triq għal diskussjoni aktar dettaljata dwar emendi mmirati għall-ġerarkija tal-kredituri fil-laqgħa ta' Settembru tal-AHWP.

**L-interazzjoni bejn is-setgħat superviżorji skont is-CRD u s-setgħat ta' intervent bikri skont il-BRRD**

Fir-rigward tal-interazzjoni bejn is-setgħat superviżorji skont is-CRD u s-**setgħat ta' intervent bikri** skont il-BRRD, maġġoranza ta' Stati Membri raw vantaġġ fl-eliminazzjoni tad-duplikazzjonijiet eżistenti fl-oqfsa regolatorji rispettivi li jistgħu jipperikolaw l-użu xieraq tal-għodod. Kien hemm fehmiet diverġenti dwar jekk it-tikkettar ta' tali miżuri bħal miżuri ta' intervent bikri skont il-BRRD kellux effett aggravanti meta jintużaw, u jekk tali tikkettar jistax jiskatta obbligi ta' żvelar pubbliku skont ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq (MAR). Waqt il-laqgħa, il-Kummissjoni ċċarat li ma hemm l-ebda differenza mill-perspettiva ta' obbligi tal-MAR bejn miżuri superviżorji u dawk ta' intervent bikri. Barra minn hekk, l-Istati Membri fil-parti l-kbira opponew l-idea li jiġu definiti skattaturi kwantitattivi għas-setgħat ta' intervent bikri jew li jkun hemm skala ta' eskalazzjoni ċara u minflok kienu favur li jippermettu li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom diskrezzjoni akbar. Stat Membru wieħed appella għal aktar ċarezza biex jiġu mifhuma l-eżiti potenzjali differenti mid-diversi applikazzjonijiet ta' kemm l-EIMs kif ukoll is-setgħat superviżorji, billi jiġu żviluppati xenarji biex jidentifikaw oqsma ta' simplifikazzjoni potenzjali.

Madankollu, kien hemm appoġġ ġenerali għal miżuri li jallinjaw is-sett ta' għodod disponibbli għall-awtoritajiet superviżorji. Il-fużjoni tal-miżuri superviżorji u tas-setgħat ta' intervent bikri fir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SSMR) u s-CRD kienet għalhekk meqjusa bħala triq 'il quddiem raġonevoli minn maġġoranza tal-Istati Membri. Barra minn hekk, tqajmet l-importanza li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn is-superviżuri u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Il-BĊE u xi Stati Membri appoġġaw it-tneħħija tas-sovrapożizzjoni bejn miżuri ta' intervent bikri u dawk superviżorji billi jitħassru mill-BRRD dawk il-miżuri ta' intervent bikri li huma diġà disponibbli fis-CRD u fl-SSMR, peress li dan jimplika bidliet limitati, u ċarezza dwar l-interazzjoni mal-awtorità ta' riżoluzzjoni.

Fir-rigward tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), kien hemm appoġġ ġenerali li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jingħata bażi ġuridika applikabbli direttament biex japplika s-setgħat superviżorji u dawk ta' intervent bikri. F'dan il-kuntest, il-BĊE indika li l-emendar tal-SSMR jista' jinvolvi dewmien meta mqabbel ma' emenda għall-BRRD u għall-SRMR li matulu l-BĊE xorta waħda ma jkollux bażi ġuridika direttament applikabbli. Minħabba l-ħtieġa li din il-kwistjoni tissolva malajr, il-BĊE kien tal-fehma li l-emendar tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR) jista' jkun soluzzjoni aktar effiċjenti, peress li l-emendi għall-SRMR jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li fir-rigward tagħha mhijiex meħtieġa l-unanimità (għall-kuntrarju ta' emendi għall-SSMR).

Il-**Presidenza** rrikonoxxiet il-fehma tal-maġġoranza tal-Istati Membri li l-miżuri superviżorji u s-setgħat ta' intervent bikri **għandhom jingħaqdu** taħt l-SSMR/is-CRD. Il-ħidma teknika lejn proposta leġiżlattiva fi żmien debitu titwettaq mill-Kummissjoni.

**L-interazzjoni bejn id-determinazzjoni ta' FOLTF u l-iskattaturi nazzjonali ta' insolvenza**

Il-fehma ġenerali dwar l-interazzjoni bejn id-determinazzjoni ta' FOLTF u l-iskattaturi nazzjonali ta' insolvenza kienet li jkun meħtieġ li jiġu allinjati l-iskattaturi nazzjonali ta' insolvenza sabiex jiġu evitati "sitwazzjonijiet ta' inċertezza" fejn banek b'valutazzjoni tal-interess pubbliku negattiva jiġu ddikjarati bħala FOLTF iżda ma jissodisfawx il-kriterji ta' insolvenza skont l-oqfsa nazzjonali ta' insolvenza. Madankollu, għal xi Stati Membri, allinjament tal-iskattaturi nazzjonali ta' insolvenza jqajjem kwistjonijiet kostituzzjonali u prattiċi sinifikanti u għalhekk ma jqisux allinjament bħala opzjoni fattibbli.

Madankollu, xi Stati Membri kienu tal-fehma li din il-kwistjoni tista' tissolva bl-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-Artikolu 32b ġdid tal-BRRD2. Dan l-artikolu jirrikjedi li l-banek li jiġu ddikjarati bħala FOLTF iżda li r-riżoluzzjoni tagħhom ma tkunx fl-interess pubbliku jiġu "stralċjati b'mod ordnat f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli".

F'dan ir-rigward, kien hemm qbil ġenerali li r-referenza fid-dispożizzjoni għall-kunċett ta' "stralċ" **tiżgura li banek f'diffikultà joħorġu mis-suq**, għalkemm il-fehmiet baqgħu maqsumin dwar il-proċeduri u l-iskedi ta' żmien li skonthom ikun meħtieġ li jitwettaq il-ħruġ mis-suq. B'mod partikolari, bosta Stati Membri kienu tal-fehma li kwalunkwe tip ta' awtomatiċità bejn id-determinazzjoni ta' FOLTF u l-ftuħ ta' proċediment formali ta' insolvenza mhuwiex meħtieġ, speċjalment peress li FOLTF tinkludi s-sitwazzjoni meta bank ikun biss "probabbilment" ser ifalli, u b'hekk mhux insolventi, jew l-FOLTF bl-ebda mod ma tikkonċerna l-kwistjoni ta' insolvenza. Madankollu, il-parti l-kbira tal-Istati Membri insistew li jiġu ċċarati l-kunċetti legali li mhumiex definiti b'mod preċiż fl-Artikolu 32b tal-BRRD2, bħat-tifsira ta' "stralċ". Xi Stati Membri enfasizzaw ukoll l-interazzjonijiet bejn FOLTF u l-irtirar ta' liċenzji bankarji u sostnew li setgħa diskrezzjonali għal tali rtirar tista' titqies bħala żieda utli f'dan ir-rigward. Il-BĊE ċċara li l-kondizzjonijiet għall-irtirar ta' liċenzja wkoll mhumiex allinjati mal-kondizzjonijiet ta' FOLTF. Tkun meħtieġa emenda għall-qafas legali biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

Il-**Presidenza** kkonkludiet li d-diskussjonijiet estensivi dwar it-temi ta' FOLTF u skattaturi ta' insolvenza għandhom jiġu rikonoxxuti bħala parti minn riforma potenzjali tal-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet. L-Istati Membri laqgħu l-ħidma teknika ulterjuri fil-livell tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tħejji proposta leġiżlattiva fi żmien debitu.

Fit-**<u>tieni laqgħa fit-18 ta' Settembru</u>**, l-AHWP iffoka fuq:

- il-**ġerarkija tal-kredituri**, u
- il-**qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet għal banek iżgħar**.

**Emendi mmirati għall-ġerarkija tal-kredituri**

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri kollha qablu li jkun ta' benefiċċju li jiġi adottat **approċċ immirat** għall-armonizzazzjoni tal-**ġerarkija tal-kredituri**. Approċċ ta' dan it-tip ġie propost mill-Presidenza fid-dokument informali tagħha sabiex jiġu evitati bidliet estensivi fir-reġimi ta' insolvenza, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jista' jmur lil hinn minn kwistjonijiet relatati mal-banek. Minflok, huwa ffoka fuq l-armonizzazzjoni ta' dawk l-oqsma li jkunu rilevanti għall-finijiet ta' riżoluzzjoni ta' bank, filwaqt li jittieħed kont b'mod partikolari tal-prinċipju "li l-ebda kreditur ma jmur agħar".

L-Istati Membri kellhom fehmiet diverġenti, madankollu, dwar liema oqsma speċifiċi jkunu jirrikjedu l-armonizzazzjoni u x'sura għandu jieħu approċċ armonizzat, b'mod partikolari f'termini tal-klassifikazzjoni ta' depożiti u obbligazzjonijiet esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna.

Fir-rigward tal-**klassifikazzjoni ta' depożiti**, il-parti l-kbira tal-Istati Membri kienu favur preferenza "moderata" ġenerali tad-depożitanti bbażata fuq approċċ b'diversi livelli. Skont preferenza moderata ġenerali tad-depożitanti, il-pretensjonijiet kollha tad-depożitanti jikklassifikaw ogħla mill-pretensjonijiet ta' kredituri ordinarji mhux assigurati. Barra minn hekk, f'reġim ta' preferenza tad-depożitanti b'diversi livelli, id-depożiti koperti jikklassifikaw ogħla mid-depożiti eliġibbli għall-persuni fiżiċi u l-SMEs 'il fuq mil-livell ta' kopertura tas-SGD, iżda depożiti oħra xorta jibqgħu jikklassifikaw ogħla minn obbligazzjonijiet superjuri oħrajn[2]. Fid-dawl ta' dan, l-Istati Membri ssottolinjaw l-importanza li tinżamm il-klassifikazzjoni ta' super prijorità tad-depożiti koperti, li jissalvagwardja finanzjament suffiċjenti biex l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) ikunu jistgħu jissodisfaw il-funzjonijiet ewlenin tagħhom. Fir-rigward ta' "depożiti oħra" (eż. depożiti korporattivi kbar u depożiti mhux eliġibbli), il-parti l-kbira tal-Istati Membri ma kkummentawx dwar il-kwistjoni ta' jekk dawn id-depożiti għandhomx jikklassifikaw ogħla minn obbligazzjonijiet superjuri, kif tissuġġerixxi l-preferenza moderata ġenerali tad-depożitanti, jew jekk dawn għandhomx jikklassifikaw *pari passu* ma' obbligazzjonijiet superjuri oħra.

Madankollu, ftit Stati Membri, kienu kontra l-kunċett ta' preferenza tad-depożitanti b'diversi livelli. Dawn, minflok, insistew li jkun hemm approċċ fejn id-depożiti koperti u mhux koperti kollha jikklassifikaw b'mod ugwali (klassifikazzjoni *pari passu*) fuq il-bażi li dan iżid il-kamp ta' applikazzjoni finanzjarju tas-SGD biex jiġu ffinanzjati miżuri oħra minbarra l-iżborż bħala parti minn reġim tal-UE ta' likwidazzjoni ordnata bil-għan li jipprovdi għodda għall-ġestjoni tal-kriżi ta' banek li ma jissodisfawx it-test tal-interess pubbliku.

[2] Dan l-approċċ ġie ssuġġerit mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2017 (CON/2017/6).

Id-diskussjoni dwar il-**klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna** u l-interazzjoni tagħhom ma' obbligazzjonijiet oħra bħal depożiti jew obbligazzjonijiet garantiti kienet diffiċli. L-Istati Membri indikaw bosta problemi li jistħoqqilhom riflessjoni ulterjuri. Fir-rigward ta' obbligazzjonijiet tat-taxxa, pereżempju, xi Stati Membri esprimew tħassib dwar jekk tali obbligazzjonijiet jitħallsux qabel id-depożiti koperti jew il-pretensjonijiet tas-SGD. F'dan l-isfond, għadd sinifikanti ta' Stati Membri indikaw li jippreferu biss armonizzazzjoni ta' xi wħud minn dawn l-obbligazzjonijiet, iżda mhux ta' kollha. Kien hemm appoġġ għal raggruppament tal-obbligazzjonijiet esklużi abbażi ta' raġunijiet ta' esklużjoni. Stati Membri oħra talbu għal perspettiva mill-grupp kollu b'appoġġ għal riżoluzzjoni abbażi tal-approċċ ta' "Punt ta' Dħul Uniku" (SPE) meta jkun hemm riferiment għall-klassifikazzjoni ta' obbligazzjonijiet intragrupp.

Il-**Presidenza** rrikonoxxiet il-fehma tal-parti l-kbira tal-Istati Membri li kwalunkwe ħidma ta' segwitu fuq il-ġerarkija tal-kredituri għandha tkun immirata, b'fokus speċifiku fuq l-analiżi ta' liema obbligazzjonijiet esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna jenħtieġ li jingħataw klassifikazzjoni armonizzata. Il-Presidenza temmen li hija meħtieġa ħidma teknika ulterjuri fuq il-klassifikazzjoni ta' obbligazzjonijiet esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna, inkluż fuq kif tista' tiġi applikata l-klassifikazzjoni flimkien ma' preferenza moderata ġenerali tad-depożitanti abbażi ta' approċċ b'diversi livelli, li hija l-opzjoni preferuta ta' bosta Stati Membri. Il-Kummissjoni kkonfermat l-intenzjoni tagħha li tkompli l-ħidma teknika fuq dik il-bażi.

**Qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet għal banek iżgħar**

Id-diskussjoni dwar it-tfassil tal-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet għal banek iżgħar kienet ibbażata fuq erba' kontribuzzjonijiet:

- preżentazzjoni mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) dwar l-approċċ tiegħu għall-valutazzjoni ta' interess pubbliku;
- dokument informali tal-Presidenza dwar reġim ta' likwidazzjoni dedikat għall-banek li huma FOLTF iżda li għandhom valutazzjoni negattiva tal-interess pubbliku ("reġim ta' likwidazzjoni għall-banek tal-UE");
- dokument informali konġunt minn FI, FR u NL, li jittratta miżuri mmirati dwar kif jista' jittejjeb il-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet għall-banek kollha, inkluż il-valutazzjoni tal-interess pubbliku u l-kontroll tal-Għajnuna mill-Istat;
- preżentazzjoni mill-Forum Ewropew tal-Assiguraturi tad-Depożiti (EFDI) dwar l-esperjenzi prattiċi tiegħu bit-test tal-inqas kost.

Il-qafas attwali għall-ġestjoni ta' kriżijiet isegwi natura binarja: l-awtorità ta' riżoluzzjoni taġixxi biss meta r-riżoluzzjoni tal-bank rispettiv hija fl-interess pubbliku filwaqt li l-każijiet l-oħra kollha huma soġġetti għal proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza, li jippermettu li jiġu segwiti linji diverġenti ta' azzjoni skont linji nazzjonali. L-għażla bejn il-likwidazzjoni taħt ir-reġimi nazzjonali ta' insolvenza u r-riżoluzzjoni taħt ir-reġim ta' riżoluzzjoni tiddependi għalhekk fuq ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku. Minħabba dan, l-**SRB** ipprovda diversi kjarifiki dwar l-approċċ tiegħu għall-**valutazzjoni tal-interess pubbliku** taħt l-SRM:

- L-ewwel nett, l-SRB huwa l-awtorità ta' riżoluzzjoni għal 128 bank/grupp bankarju, inkluż l-akbar banek li joperaw fl-Unjoni Bankarja, banek sistemikament rilevanti u ċerti gruppi transkonfinali. Għal dawn il-banek, l-SRB ġeneralment jistenna u jippjana l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni u mhux likwidazzjoni taħt ir-reġimi ta' insolvenza nazzjonali rispettivi.

- It-tieni, il-valutazzjoni tal-interess pubbliku tqis iċ-ċirkostanzi fiż-żmien meta l-bank li qed ifalli jew probabbilment ser ifalli, jiġifieri l-SRB iqis ukoll l-ambjent ekonomiku u jivvaluta l-impatt tar-riżoluzzjoni kontra l-insolvenza f'dak il-mument speċifiku, filwaqt li jivvaluta mill-ġdid l-impatt tal-falliment tal-bank fuq l-objettivi tar-riżoluzzjoni.

- It-tielet, differenzi fil-Programmi Indikattivi Nazzjonali (PIN) jistgħu jwasslu għal eżiti differenti għall-valutazzjoni tal-interess pubbliku. Għalhekk, l-armonizzazzjoni tal-PIN tkun ta' għajnuna kbira f'dan ir-rigward.

- Fl-aħħar nett, l-SRB spjega li hija ppjanata ħidma ulterjuri fl-oqsma dedikati fil-kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (ARN). Il-fokus ewlieni ser ikun fuq l-avvenimenti sistemiċi, l-irfinar ta' funzjonijiet kritiċi, l-analiżi fil-livell reġjonali u l-protezzjoni ta' depożiti koperti.

L-SRB spjega li – minħabba l-għadd kbir ta' banek fl-Unjoni Ewropea, li huwa madwar 3 000 – il-likwidazzjoni taħt reġimi nazzjonali ta' insolvenza hija "x-xenarju bażi" għal għadd kbir ta' banek fil-parti l-kbira tal-Istati Membri f'każ ta' kriżi.

Għal dawn il-banek il-Presidenza ssuġġeriet fid-dokument informali tagħha **"reġim ta' likwidazzjoni għall-banek tal-UE"**, li fih għodod speċjali ta' likwidazzjoni u li jippermetti l-użu armonizzat tal-interventi tas-SGD lil hinn mill-iżborż ("tranżazzjoni P&A") abbażi ta' metodoloġija tat-test tal-inqas kost definita b'mod ċar. L-Istati Membri kellhom opinjonijiet diverġenti dwar il-kwistjoni ewlenija tal-introduzzjoni ta' reġim ta' likwidazzjoni bankarja tal-UE għall-banek b'valutazzjoni negattiva tal-interess pubbliku: xi Stati Membri, il-BĊE u l-SRB raw il-benefiċċji ta' approċċ bħal dan, peress li qiesu li r-regoli attwali skont il-BRRD mhumiex adatti għal banek iżgħar li jieħdu depożiti. Dawn l-Istati Membri u l-BĊE insistew, b'mod partikolari, li jista' jkun diffiċli li dawn il-banek jinġiebu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ta' riżoluzzjoni, peress li l-parti l-kbira tagħhom jista' ma jkollhom l-ebda aċċess, jew aċċess limitat, għas-swieq kapitali biex jibnu biżżejjed rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) għal strateġija ta' riżoluzzjoni. Fil-fehma tagħhom, reġim tal-UE ta' likwidazzjoni tal-banek jippermetti li jittieħed approċċ proporzjonali, li fl-istess ħin jiżgura n-newtralità fir-rigward ta' mudelli ta' negozju differenti.

Stati Membri oħra, madankollu, fakkru fl-objettiv fundatur tal-Unjoni Bankarja li "*il-klassijiet kollha tal-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jiġu xoljuti irrispettivament mid-daqs jew l-interkonnettività tagħhom"* (Konklużjonijiet tal-ECOFIN, Diċembru 2010). Dawn l-Istati Membri qiesu li l-għodod kollha meħtieġa biex tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni ta' banek – inkluż dawk iżgħar – kienu diġà jinsabu fis-sett tal-għodod ta' riżoluzzjoni (pereżempju l-bejgħ ta' għodod tan-negozju u tal-bank tranżitorju). Biex jippermettu l-applikazzjoni fil-prattika ta' tali għodod għal banek iżgħar, dawn l-Istati Membri appoġġaw **interpretazzjoni usa' tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku**, kif issuġġerit fid-dokument informali konġunt minn FI, FR u NL, aktar koerenti mal-fehma espressa minn xi Stati Membri li saħansitra l-falliment ta' banek żgħar jista' jwassal għal riskji għall-istabbiltà finanzjarja, il-kontinwità ta' funzjonijiet kritiċi, il-protezzjoni ta' depożiti u l-aċċess għalihom. Sussegwentement, il-bqija tal-banek b'valutazzjoni negattiva tal-interess pubbliku għandhom ikunu soġġetti għal stralċ skont ir-reġimi nazzjonali ta' insolvenza mingħajr il-possibbiltà li jintużaw interventi għajr żborż (jiġifieri tranżazzjonijiet P&A) iffinanzjat mis-SGD nazzjonali. L-SRB bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għall-applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku għall-akbar u l-aktar banek sistemiċi u ċerti gruppi transkonfinali li joperaw fl-Unjoni Bankarja, iċċara li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni għal kważi l-banek kollha taħt il-mandat tiegħu hija riżoluzzjoni, mhux insolvenza taħt ir-reġimi nazzjonali. Barra minn hekk, huwa ċċara li r-reġim attwali jipprovdi biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati b'mod adegwat is-sitwazzjonijiet kollha.

Fir-rigward tat-**test tal-inqas kost**, kważi l-Istati Membri kollha qablu li metodoloġija aktar dettaljata kienet meħtieġa biex jiġu żgurati b'mod aktar effettiv kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE, kif issuġġerit fid-dokument informali tal-Presidenza. Xi Stati Membri, madankollu, esprimew tħassib dwar l-inklużjoni ta' kostijiet indiretti, anke jekk dawn il-kostijiet ikunu soġġetti għal limiti massimi u kriterji oġġettivi stabbiliti bħala parti minn metodoloġija komprensiva. Fil-fehma tagħhom, l-inklużjoni tal-kostijiet indiretti żżid il-kumplessità tal-metodoloġija. Huma insistew ukoll li l-inklużjoni ta' elementi ta' kostijiet ta' dan it-tip hija fil-fatt xprunata minn objettiv li jiġi permess l-użu estiż ta' fondi tas-SGD għall-protezzjoni ta' pretensjonijiet lil hinn mid-depożiti koperti, u li probabbli jkollha impatt negattiv fuq il-fondi tas-SGD. Barra minn hekk, xi Stati Membri kienu favorevoli għall-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni *pari passu* tad-depożiti kollha (koperti u skoperti), peress li din testendi l-kamp ta' applikazzjoni għas-SGD biex jiffinanzjaw tranżazzjonijiet P&A. Ħafna Stati Membri, madankollu, qiesu li dan ikun ta' detriment għall-iskop tal-protezzjoni tal-fondi tas-SGD. Huma insistew li klassifikazzjoni preferenzjali tas-SGD hija prekondizzjoni għal rifinanzjament xieraq u affidabbli tas-SGD, biex b'hekk tiġi salvagwardjata l-kredibbiltà tas-sistema.

Fir-rigward tal-**governanza**, kien hemm qbil ġenerali fost l-Istati Membri li l-introduzzjoni ta' għodod ġodda bħal tranżazzjonijiet P&A teħtieġ setgħat amministrattivi pubbliċi, li jistgħu jingħataw lil awtorità pubblika fil-livell nazzjonali (pereżempju, l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni). L-SRB żied li jkun hemm benefiċċji ċari biex is-setgħat ta' likwidazzjoni amministrattiva jiġu attribwiti lil awtorità pubblika ċentrali tal-UE b'fondi Ewropej, bħala tagħlima mill-esperjenza tal-Istati Uniti. Il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' għarfien minħabba raġunijiet ta' effiċjenza ssemmiet ukoll. Xi Stati Membri esprimew tħassib dwar l-involviment tal-SRB sakemm ir-riżorsi finanzjarji tas-SGD jibqgħu nazzjonali. Huma kienu kontra kwalunkwe involviment tal-SRB fid-deċiżjoni finali, peress li, fil-fehma tagħhom, is-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet għandha tkun fil-livell fejn jiġġarrbu l-kostijiet. Madankollu, Stati Membri oħra kienu favur li l-SRB ikollu rwol aktar b'saħħtu. Huma insistew li, jekk għandha tiġi introdotta metodoloġija dettaljata tal-inqas kost, ikun mixtieq li awtorità ċentrali Ewropea tkun tista' tikkoordina u tissorvelja l-applikazzjoni konsistenti tagħha.

Il-**preżentazzjoni tal-EFDI** ffukat fuq l-aspetti tekniċi tat-**test tal-inqas kost, kif stabbilit fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti** ("miżuri alternattivi"). It-test tipikament jinkludi: (i) previżjoni tar-riżultat tal-proċedimenti ta' insolvenza u t-telf li għandu jiġġarrab mis-SGD; (ii) stima tal-kostijiet ta' kull miżura alternattiva disponibbli; u (iii) l-għażla tal-aktar miżura fattibbli, abbażi tal-passi (i) u (ii). L-EFDI kkonkluda li l-metodoloġija tat-test tal-inqas kost għandha tkun preċiża u ġusta. Minbarra l-kostijiet diretti, għandhom jitqiesu wkoll il-kostijiet indiretti. Fil-fehma tal-EFDI, is-super prijorità ta' depożiti koperti u l-pretensjonijiet tas-SGD hija appoġġata b'mod qawwi minn kważi s-SGD kollha fl-UE, peress li tiżgura telf minimu għas-SGD. F'dan il-kuntest, l-EFDI nnota wkoll li, mingħajr is-super prijorità, l-istima tax-xenarju kontrafattwali tkun, f'ħafna każijiet, konsiderevolment inqas preċiża minħabba l-kampjun imkabbar ta' pretensjonijiet li għandu jitqies.

Il-**Presidenza** ħadet nota tad-diskussjoni fost l-Istati Membri. B'mod ġenerali, kien hemm qbil li s-sitwazzjoni attwali fl-Unjoni Bankarja mhijiex sodisfaċenti u li huma meħtieġa bidliet għall-qafas, jew permezz ta' sett separat ta' regoli għall-banek b'valutazzjoni negattiva tal-interess pubbliku, permezz ta' interpretazzjoni usa' tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku, inkella permezz ta' kombinament tat-tnejn.

Il-Kummissjoni kkonfermat li dawn il-kwistjonijiet kollha ser jiġu valutati bħala parti mir-reviżjoni li jmiss tal-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet u l-assigurazzjoni ta' depożitanti (ara t-taqsima 3).

### II.2 Integrazzjoni tas-suq

Fit-**<u>tielet laqgħa tal-AHWP tat-12 ta' Ottubru</u>**, il-Presidenza ppreżentat żewġ opzjonijiet dwar kif tinkiseb integrazzjoni aħjar fis-suq bankarju tal-UE. Il-grupp iddiskuta kif tista' tinkiseb allokazzjoni ta' kapital aktar flessibbli fi ħdan il-gruppi bankarji madwar l-Unjoni Bankarja, filwaqt li fl-istess ħin jiġu introdotti salvagwardji adegwati għall-pajjiżi ospitanti. Il-Presidenza rrikonoxxiet li, f'każ ta' avvenimenti negattivi, ikun meħtieġ li jiġi żgurat li l-kapital isir disponibbli għal sussidjarji fil-pajjiżi ospitanti irrispettivament minn fejn kien miżmum preċedentement fil-grupp.

Id-dokument informali tal-Presidenza ppreveda żewġ opzjonijiet possibbli biex jinkiseb l-objettiv ta' hawn fuq. L-Opzjoni 1 tkun tinvolvi l-introduzzjoni ta' **eżenzjoni tal-kapital transkonfinali kkombinata ma' salvagwardji statutorji** (pretensjoni ta' rikapitalizzazzjoni) għas-sussidjarji. Din tiżgura rikapitalizzazzjoni tas-sussidjarja mill-entità omm jekk skattaturi predeterminati jindikaw li l-entità omm jew is-sussidjarja tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja li qed tiddeterjora. L-Opzjoni 2 tkun tinvolvi l-introduzzjoni ta' **mekkaniżmu ta' kaskata** li jiddetermina (*ex ante*) f'test tal-livell 1 il-kondiviżjoni tat-telf fi ħdan il-grupp bankarju f'każ ta' riżoluzzjoni jew likwidazzjoni taħt proċedimenti normali ta' insolvenza.

Grupp ta' 12-il Stat Membru, abbażi ta' dokument informali dedikat konġunt u appoġġati minn Stati Membri oħra, enfasizzaw l-importanza tal-bilanċ bejn il-post ta' oriġini u dak ospitanti u l-ftehimiet reċenti li ntlaħqu fir-rigward tiegħu. B'mod partikolari, huma enfasizzaw ir-rwol importanti tar-rekwiżiti prudenzjali individwali fil-protezzjoni ta' depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja, fl-operazzjonalizzazzjoni tal-iskemi ta' riżoluzzjoni u l-politika mikroprudenzjali u makroprudenzjali, u fl-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti u l-finanzjament tal-ekonomija reali. Dawn l-Istati Membri għalhekk iħeġġu l-esplorazzjoni tal-ostakli mhux prudenzjali għall-integrazzjoni tas-suq.

Matul id-diskussjonijiet irriżulta li, filwaqt li xi Stati Membri qiesu l-opzjoni 1 bħala bażi fattibbli għal aktar diskussjonijiet, li tippermetti li jintlaħaq bilanċ aċċettabbli bejn fluss aktar flessibbli ta' kapital u salvagwardji xierqa, grupp kbir ta' Stati Membri qiesu li s-salvagwardji inklużi f'din l-opzjoni mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw it-tħassib tagħhom. Tqajjem tħassib b'mod partikolari fir-rigward tal-effettività ta' mekkaniżmu tad-dritt għal pretensjoni, b'mod partikolari f'mumenti ta' kriżi fejn l-infurzabbiltà tiegħu tista' tkun dgħajfa. Dawn l-Istati Membri esprimew dubji dwar il-benefiċċju li jkun hemm flessibbiltà massima fir-rigward tal-allokazzjoni ta' kapital.

Fir-rigward tal-opzjoni 2, l-Istati Membri enfasizzaw il-kumplessità tagħha, il-perspettiva aktar fit-tul tal-implimentazzjoni tagħha u l-prerekwiżiti potenzjali meħtieġa (jiġifieri l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tal-kredituri). Stat Membru wieħed ikkritika l-appoġġ asimmetriku perċepit li huwa previst li jiffunzjona prinċipalment mill-entità omm għas-sussidjarji tagħha u mhux viċi versa. Il-grupp ta' 12-il Stat Membru nnota madankollu l-fatt li l-opzjoni 2 tqajjem il-kwistjoni importanti ta' kondiviżjoni tal-piż bejn il-kredituri ta' grupp bankarju li hija ta' tħassib ewlieni fil-bilanċ bejn il-post ta' oriġini u dak ospitanti.

Barra minn hekk, xi Stati Membri semmew il-ħtieġa li jitwessgħu d-diskussjonijiet sabiex ikopru mhux biss il-kapital iżda wkoll il-miżuri ta' likwidità u riżoluzzjoni, sabiex tingħata aktar ċarezza dwar l-impatt tad-diversi opzjonijiet. Dawk l-Istati Membri u oħrajn spjegaw li miżuri oħra jistgħu jiġu implimentati fi stadji iżgħar biex tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq, abbażi tal-possibbiltajiet eżistenti u l-analiżi ta' għaliex ma jintużawx fil-prattika (eż. eżenzjonijiet ta' likwidità). Stat Membru wieħed issuġġerixxa li l-proporzjonijiet prudenzjali ta' sussidjarji jistgħu jkunu soġġetti għal emendi mmirati biex jakkomodaw aħjar il-flussi intragrupp tal-kapital, l-MREL intern u l-likwidità; barra minn hekk, il-metodoloġija tal-pilastru 2 tista' tiġi ċċarata biex tiġi ppremjata d-diversifikazzjoni ġeografika fi gruppi. Il-BĊE rrefera għall-pubblikazzjoni ta' blogpost personali minn Andrea Enria u Edouard Fernandez-Bollo dwar it-trawwim tal-integrazzjoni transkonfinali ta' gruppi bankarji fl-Unjoni Bankarja, li inkluda proposti konkreti biex titrawwem allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi ta' likwidità fil-gruppi bankarji kollha, filwaqt li fl-istess ħin, fil-fehma tal-awturi, jiġu pprovduti salvagwardji adegwati lill-awtoritajiet ospitanti.

Il-**Presidenza** ħadet nota tal-fehmiet espressi fid-diskussjoni, infurmat lill-HLWG fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Novembru, u ħeġġet aktar ħidma/rendikonti tekniċi biex tivvaluta l-impedimenti għall-użu ta' dispożizzjonijiet eżistenti (jiġifieri eżenzjonijiet ta' likwidità).

**II. 3 Trattament tar-riskji sovrani**

It-**trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani (RTSE) ġie diskuss <u>fil-laqgħa tat-12 ta' Ottubru</u>**. Fuq talba tal-President, il-Kummissjoni ppreżentat l-impatt ta' diversi opzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet ta' kapital, ikkalkulati abbażi ta' data aġġornata mill-EBA li tasal sat-tieni trimestru tal-2020. Ħafna mill-opzjonijiet kienu bbażati fuq ir-riskju tal-konċentrazzjoni.

L-għan tal-allokazzjonijiet ta' kapital huwa li jimmitigaw ir-riskju sovran kemm permezz tal-implimentazzjoni gradwali tal-piżijiet tar-riskju għal esponimenti lil hinn minn ċerti limiti tal-konċentrazzjoni kif ukoll l-inċentiv konkordanti tad-diversifikazzjoni tal-portafoll sovran. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni wriet li, abbażi tad-data eżistenti, żdied il-livell totali ta' skoperturi sovrani tal-banek. Il-valutazzjoni wriet ukoll li mit-tliet parametrizzazzjonijiet tal-RTSE diskussi, il-kalibrazzjonijiet tal-BCBS u tal-EFC għandhom l-inqas impatt fuq il-kapital tal-Grad 1 fil-livell aggregat, filwaqt li l-impatt tal-kalibrazzjoni tal-SCCR huwa ogħla b'mod sinifikanti.

Minn perspettiva regolatorja, l-Istati Membri esprimew fehmiet diverġenti magħrufa sew dwar l-allokazzjonijiet ta' kapital. Xi Stati Membri insistew li għandha titkompla l-ħidma u li diversi opzjonijiet biex jiġi indirizzat ir-riskju sovran permezz ta' allokazzjonijiet ta' kapital (konċentrazzjoni u riskju ta' kreditu) għandhom jibqgħu jiġu kkunsidrati. Ġie enfasizzat minn dawn l-Istati Membri li din il-ħidma hija kruċjali għal progress ulterjuri fit-tlestija tal-Unjoni Bankarja u li dawn l-assi jġorru riskju li għandu jiġi ttrattat bħall-assi l-oħra kollha fil-qafas prudenzjali. Dawn il-membri enfasizzaw li trattament prudenzjali tar-riskji sovrani jista' jitfassal b'tali mod li jkun jista' jiġi ġestit u ma jkollux impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja. Dan intwera wkoll mill-analiżi tal-effett tal-Kummissjoni, peress li sat-tieni trimestru tal-2020 il-COVID-19 kellu biss impatt moderat taħt il-kalibrazzjonijiet differenti.

L-Istati Membri l-oħra opponew l-allokazzjonijiet ta' kapital jew ma kinux ħerqana li jintroduċu bidliet. Xi uħud qalu li kwalunkwe inizjattiva tal-RTSE għandha tkun allinjata mill-qrib mal-istandards internazzjonali kif propost mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja. Dawn l-Istati Membri enfasizzaw ir-riskji li l-introduzzjoni ta' trattament regolatorju tal-iskoperturi sovrani jista' jkollha fi żminijiet ta' kriżi, b'mod partikolari taħt Unjoni Bankarja mhux kompluta. Oħrajn qiesu li ma jkunx xieraq li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar dan is-suġġett sakemm jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, peress li jibżgħu li d-diskussjonijiet jibagħtu messaġġi kontradittorji lill-industrija bankarja li taqdi rwol importanti fl-appoġġ ġenerali tas-settur reali. Uħud mill-Istati Membri li kienu jopponu l-allokazzjonijiet ta' kapital semmew ukoll li l-approċċ meqjus ma għandux iwassal għal differenzjazzjoni bejn l-Istati Membri abbażi tar-riskju ta' kreditu.

Barra minn hekk, xi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro u xi Stati Membri bi swieq kapitali iżgħar jew inqas żviluppati esprimew tħassib rigward il-kapaċità tas-sistemi bankarji tagħhom li jiddiversifikaw il-parteċipazzjonijiet tagħhom ta' esponimenti sovrani u l-impatt ta' kwalunkwe bidla fuq is-swieq tal-bonds sovrani u l-istabbiltà finanzjarja tagħhom. Diversi Stati Membri tennew il-fehma qawwija tagħhom kontra impatt negattiv ta' kwalunkwe bidla fl-RTSE fuq id-dejn tal-gvern, saħansitra jekk implimentata b'mod gradwali, filwaqt li nnotaw ukoll li tali tħassib huwa saħansitra aktar rilevanti bil-ħsieb tal-kondizzjonijiet tas-suq li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. Xi wħud ikunu biss favur reviżjoni tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju lill-EDIS, u insistew li jkunu meħtieġa kalendarju u sekwenzjar xieraq għall-elementi kollha meħtieġa għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja. Madankollu, għall-membri li kienu favur l-RTSE, kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju kkalibrati għar-riskju sovran ma kinux biżżejjed fuq bażi awtonoma.

Il-Kummissjoni qablet li tkun meħtieġa ħidma ulterjuri biex jingħelbu l-limitazzjonijiet tad-data, speċjalment għal banek żgħar, u biex jiġi vverifikat l-impatt tal-iskemi ta' garanzija pubblika fuq il-krediti bankarji.

Il-**Presidenza** rrikonoxxiet li l-fehmiet tal-Istati Membri dwar it-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani baqgħu maqsumin. Il-Presidenza nnutat ukoll il-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-proposti fuq swieq u banek iżgħar, inkluż għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, u qablet li tkun meħtieġa analiżi ulterjuri biex tinforma diskussjonijiet futuri. Din l-analiżi tkun tkopri wkoll l-impatt tal-proposti fuq l-ispazju tal-Istati Membri għal manuvrar finanzjarju fi kriżi futura potenzjali bħal dik tal-COVID. Il-Presidenza għarfet li probabbilment ser ikun meħtieġ eżerċizzju ddedikat għall-ġbir ta' data sabiex titwettaq analiżi ulterjuri. Xi Stati Membri esprimew riluttanza li jipproċedu b'dan fis-sitwazzjoni attwali, madankollu, fid-dawl tal-piż operazzjonali li jirriżulta fuq il-banek. Il-Presidenza stiednet lill-Kummissjoni, flimkien mal-Awtorità Bankarja Ewropea, biex tkompli l-analiżi tagħha, billi tqis il-konsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

## **II.4 EDIS**

### Il-ġbir ta' data tal-Kummissjoni

Fit-**12 ta' Ottubru**, l-AHWP evalwa l-eżerċizzju tal-**ġbir ta' data mwettaq biex jappoġġa l-iżvilupp tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju taħt l-EDIS**. Il-Kummissjoni ppreżentat ħarsa ġenerali tal-aħħar eżerċizzju ta' ġbir ta' data, li tlesta fi Frar 2020. Id-data miġbura għadha mhijiex kompluta għal xi indikaturi. Madankollu, din id-data ser tikkostitwixxi bażi importanti għall-ħidma teknika futura u ser tiffaċilita dibattitu infurmat dwar l-ispeċifiċitajiet tal-metodoloġija, inkluż il-metodu ta' aggregazzjoni u l-għażla tal-indikaturi tar-riskju.

Matul il-laqgħa, xi Stati Membri, pereżempju, qajmu kwistjonijiet speċifiċi dwar is-sett ta' indikaturi tar-riskju sottolinjati fl-analiżi tal-Kummissjoni. Xi Stati Membri esprimew dubji dwar jekk ir-rekwiżit minimu disponibbli għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) jistax jitqies fil-kalkolu minħabba l-eteroġeneità fid-daqsijiet tal-banek. Stati Membri u istituzzjonijiet oħra qajmu wkoll kwistjonijiet dwar il-metodoloġija, pereżempju, rigward il-legalità tal-metodoloġija tal-Awtorità Bankarja Ewropea fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-UE dwar il-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) stabbiliti mill-SRB. Barra minn hekk, xi Stati Membri indikaw il-ħtieġa li jiġu inklużi indikaturi tar-riskju speċifiċi għar-riskji sovrani, bħal indikaturi żviluppati abbażi tal-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi. . Xi Stati Membri ssottolinjaw li dan, jekk jiġi deċiż, jista' jkun biss alternattiv u fl-ebda każ komplementari għat-trattament ta' skoperturi sovrani. Il-Presidenza kkonkludiet li jkun importanti li tiġi vvalutata l-fattibbiltà teknika li jitqiesu indikaturi addizzjonali, peress li l-analiżi ġenerali tista' tibbenefika minn kampjun usa' ta' indikaturi.

Il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-ħidma li għaddejja dwar il-ġbir tad-data u l-assigurazzjoni tal-kwalità relatata bħad-data tal-MREL irrapportata. Ladarba din il-ħidma tiġi konkluża, il-Kummissjoni ser tibda l-valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika, inkluż billi tittestja indikaturi potenzjali ġodda, mingħajr ma tantiċipa l-għażliet politiċi/ta' politika li jiddependu wkoll fuq it-tfassil ġenerali tal-Unjoni Bankarja.

Il-**Presidenza** stiednet lill-Kummissjoni biex taċċetta t-talbiet tal-Istati Membri meta tipprovdi analiżi futura dwar it-tfassil tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju.

**L-Istħarriġ tal-Kummissjoni dwar il-mudell ibridu**

Fid-**19 ta' Novembru**, l-AHWP iddiskuta l-parametri għall-"mudell ibridu" għall-EDIS li inizjalment ġie ppreżentat mill-Presidenza Awstrijaka f'Lulju 2018. **Il-mudell ibridu** huwa mibni madwar l-idea ta' koeżistenza ta' fond ċentrali u kapaċità ta' self obbligatorju bejn is-SGD nazzjonali. Il-fond ċentrali jipprovdi appoġġ ta' likwidità għal SGD benefiċjarja, ladarba din tal-aħħar tkun eżawriet il-fondi tagħha ("skema ta' appoġġ ta' likwidità"). Jekk il-fond ċentrali jkun eżawrit fiż-żmien meta jkun meħtieġ intervent, l-SRB, f'isem il-fond ċentrali, tkun tista' tissellef mis-SGD nazzjonali permezz ta' mekkaniżmu ta' self obbligatorju. Skont id-deċiżjonijiet politiċi dwar il-kalibrazzjoni ta' diversi parametri bħall-allokazzjoni ta' fondi bejn il-fond ċentrali u s-SGD nazzjonali jew id-daqs tal-limiti massimi fuq l-appoġġ ta' likwidità, il-mudell ibridu jista' jkollu diversi disinni. Il-Kummissjoni ppreżentat l-eżitu ta' **stħarriġ** imniedi fil-laqgħa ta' Lulju tal-AHWP.

Fuq nota ġenerali, l-istħarriġ żvela fehmiet diverġenti tar-rispondenti dwar kważi kwalunkwe karatteristika indirizzata, għalhekk huma meħtieġa diskussjonijiet tekniċi ulterjuri. Il-parti l-kbira tal-mistoqsijiet imqajma fil-kuntest ta' dan il-mudell mhumiex differenti mill-mistoqsijiet magħmula mill-mudell oriġinali. L-Istati Membri ssottolinjaw ukoll li l-pożizzjoni tagħhom dwar id-diversi karatteristiċi tad-disinn tkun tiddependi fuq l-iżviluppi futuri possibbli dwar il-qafas legali ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżijiet u l-funzjonament tas-SGD b'mod partikolari. Fir-rigward tal-objettiv finali, xi Stati Membri ssottolinjaw l-importanza ta' EDIS kompluta (jiġifieri fond mutwalizzat b'kopertura sħiħa tat-telf, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2015). Stati Membri oħra insistew li kwalunkwe teħid ta' deċiżjonijiet politiċi dwar il-karatteristiċi ta' assigurazzjoni tad-depożiti komuni hija kontinġenti fuq passi lejn aktar tnaqqis tar-riskju filwaqt li jfakkru fil-Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016 u li l-karatteristiċi tad-disinn tal-mudell ibridu ma jissostitwixxux it-tnaqqis tar-riskju.

Il-fehmiet tal-Istati Membri dwar l-allokazzjoni ta' fondi bejn il-fond ċentrali u s-SGD nazzjonali kienu maqsumin. Kważi numru ndaqs ta' Stati Membri insistew favur waħda mit-tliet opzjonijiet disponibbli, li huma i) fond ċentrali kbir u SGD nazzjonali limitati, ii) fond ċentrali limitat u SGD nazzjonali kbar u iii) allokazzjoni uniformi ta' fondi. Barra minn hekk, Stat Membru wieħed enfasizza li l-allokazzjoni ta' riżorsi bejn il-fond ċentrali u s-SGD nazzjonali tkun dipendenti ħafna fuq il-kopertura ta' bilanċi għoljin temporanji, kif ukoll it-trattament ta' entitajiet li ma jaqgħux taħt ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) fil-qafas il-ġdid.

Kważi l-Istati Membri kollha insistew favur l-introduzzjoni ta' limitu massimu fuq is-self obbligatorju biex tiġi protetta l-kapaċità finanzjarja; maġġoranza żgħira ħafna ta' Stati Membri kienu favur l-introduzzjoni ta' limitu massimu fuq il-fond ċentrali.

Dwar it-termini tal-kreditu, il-parti l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw l-introduzzjoni ta' rati tal-imgħax fuq is-self li jirriżulta mill-fond ċentrali. Il-fehmiet dwar il-maturità tas-self kienu maqsumin bejn l-Istati Membri, bil-maġġoranza tagħhom inklinaw lejn maturità ta' aktar minn ħames snin.

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, diversi rispondenti insistew favur kamp ta' applikazzjoni ristrett li jiffoka fuq l-iżborż u l-kontribuzzjoni għal riżoluzzjoni filwaqt li Stati Membri oħra insistew fuq kamp ta' applikazzjoni usa'. Fost dawn l-Istati Membri xi wħud kienu favur l-inklużjoni tal-finanzjament ta' miżuri kemm taħt l-Artikoli 11(3) u 11(6) tad-DGSD ("prevenzjoni ta' falliment", "miżuri alternattivi") filwaqt li xi Stati Membri kienu kontra l-kopertura ta' miżuri ta' prevenzjoni ta' falliment. Stat Membru wieħed insista li l-inklużjoni ta' tali miżuri tagħmel kompromess politiku dwar l-EDIS saħansitra aktar diffiċli. Dwar il-kwistjoni ta' Skemi ta' Protezzjoni Istituzzjonali (IPS) rikonoxxuti bħala Stati Membri tas-SGD, il-fehmiet kienu maqsumin ukoll. Ftit Stati Membri biss insistew li l-miżuri ta' prevenzjoni ta' falliment tal-IPS għandhom ikunu koperti mill-EDIS. Diversi Stati Membri qablu li n-natura differenti u l-profil ta' riskju baxx tal-IPS jistgħu jiġu riflessi permezz ta' fatturi ta' skont fil-kontribuzzjonijiet għall-EDIS. Bil-ħsieb tal-funzjoni ewlenija tal-IPSs, li hija inkwadrata skont l-Artikolu 113(7) CRR, u l-"prinċipju tan-newtralità tal-kostijiet"[3], Stat Membru wieħed, fil-kummenti bil-miktub tiegħu, insista favur l-esklużjoni tal-IPSs mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell ibridu jew li jiġu permessi eċċezzjonijiet li jirriflettu s-sitwazzjoni speċifika tagħhom.

[3] "Prinċipju ewlieni huwa li l-fażijiet kollha tal-EDIS ma għandhomx iżidu l-kostijiet globali għas-settur bankarju, meta mqabbla mal-obbligazzjonijiet attwali taħt id-Direttiva dwar is-SGD 2014." Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja" tal-24 ta' Novembru 2015.

Matul id-diskussjoni dwar entitajiet li ma jaqgħux taħt is-CRR, l-Istati Membri esprimew żewġ fehmiet: Xi rispondenti appoġġaw l-inklużjoni ta' tali entitajiet (għalkemm xi wħud bil-kondizzjonijiet), sabiex ma ssirx diskriminazzjoni bejn id-depożitanti fis-Suq Intern u biex tiġi evitata "sistema fuq żewġ livelli". Stati Membri oħra appellaw għal allinjament strett tal-kamp ta' applikazzjoni mal-MSU minħabba konsistenza regolatorja u trattament ugwali. Fir-rigward tal-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet nazzjonali (ONDs), maġġoranza żgħira ħafna tar-rispondenti għall-istħarriġ appoġġaw il-finanzjament mill-iskema ta' appoġġ ta' likwidità.

Dwar direzzjoni possibbli fir-rigward tal-kondiviżjoni tat-telf, il-fehmiet tal-Istati Membri kienu maqsumin. Xi Stati Membri indikaw li l-Mudell Ibridu jista' jkun biss stadju interim fil-mod għall-istabbiliment ta' EDIS kompluta (b'kopertura tat-telf ta' 100 %). Stati Membri oħra insistew li l-mudell ibridu ma għandu jinvolvi assolutament ebda mutwalizzazzjoni, jew l-kondiviżjoni tat-telf għandha tkun soġġetta għal kondizzjonijiet ċari jew deċiżjonijiet politiċi.

Il-**Presidenza** ħadet nota tal-fehmiet espressi fid-diskussjoni u infurmat lill-HLWG fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Novembru kif meħtieġ.

## **III. Ir-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożiti**

Fil-laqgħa tad-**19 ta' Novembru**, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan direzzjonali rigward ir-reviżjoni tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożiti ppubblikat fil-11 ta' Novembru. Ir-reviżjoni tiffoka fuq it-tliet testi leġiżlattivi tal-UE bħalissa fis-seħħ – il-BRRD, l-SRMR u d-DGSD. Abbażi tar-reviżjoni u valutazzjoni komprensiva tal-impatt, il-Kummissjoni biħsiebha tipprovdi proposta leġiżlattiva konkreta sal-aħħar trimestru tal-2021.

Xi Stati Membri, il-BĊE u l-SRB appoġġaw ir-reviżjoni. Stati Membri oħra, madankollu, esprimew xi tħassib u kwistjonijiet. Stat Membru wieħed, pereżempju, esprima d-dispjaċir tiegħu dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat fir-reviżjoni, u ssuġġerixxa bil-qawwa li dan jibqa' inkluż. Stat Membru ieħor enfasizza l-importanza li jinżamm qafas tas-SGD li jiżgura mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni tad-depożitanti bħal dak taħt il-qafas attwali. Barra minn hekk, Stat Membru wieħed kellu dubji dwar jekk il-mandati stabbiliti fil-BRRD/fl-SRMR/fid-DGSD kinux wiesgħa biżżejjed biex ikopru tali inizjattiva daqstant komprensiva. Bi tweġiba għall-mistoqsija dwar kif "mekkaniżmu komuni ta' assigurazzjoni tad-depożiti" (EDIS) huwa integrat fil-ħidma ġenerali, il-Kummissjoni spjegat li l-valutazzjoni tal-impatt ser tindirizza wkoll il-ħolqien ta' mekkaniżmu komuni ta' assigurazzjoni tad-depożiti bħala parti mit-tlestija tal-Unjoni Bankarja.

Il-**Presidenza** ħadet nota tad-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-qafas għall-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti.

## IV. Il-monitoraġġ tal-progress fuq it-tnaqqis tar-riskju - azzjonijiet biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa

**Fl-AHWP tad-19 ta' Novembru**, il-Presidenza pprovdiet deskrizzjoni ġenerali dwar l-azzjonijiet biex tiġi indirizzata l-problema tas-self improduttiv (NPLs) fl-Ewropa. Bi tweġiba għall-Pjan ta' Azzjoni tal-ECOFIN tal-2017 biex jiġu indirizzati l-NPLs[4], il-Kummissjoni ressqet il-pakkett tagħha dwar l-NPLs f'Marzu 2018. Ir-regolament dwar il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali ġie adottat mill-koleġiżlaturi u daħal fis-seħħ f'April 2019[5]. Il-BĊE, l-EBA, l-SRB u l-BERS wettqu wkoll elementi differenti tal-Pjan ta' Azzjoni fil-mandat tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri bdew u ppermettew azzjonijiet importanti fil-livell nazzjonali.

---

[4] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/07/11/conclusions-non-performing-loans/

[5] IR-REGOLAMENT (UE) 2019/630 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi, ĠU L111/4, 25.4.2019.

Minkejja dawn il-kisbiet, il-proporzjonijiet tal-NPLs għadhom f'livelli għoljin f'xi Stati Membri u għadhom ivarjaw fl-Istati Membri u fil-banek. Barra minn hekk, xi elementi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tal-NPL tal-2017 għadhom pendenti. Huwa importanti li l-proposta għal Direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu u xerrejja tal-kreditu għadha qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew. Peress li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tista' tipprovdi appoġġ importanti biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, il-koleġiżlaturi għandhom jibdew it-trilogu kemm jista' jkun malajr. Lil hinn minn dan, l-EBA ffinalizzat l-eżerċizzju ta' benchmarking għall-insolvenza u r-reġimi ta' infurzar tas-self. L-eżitu tal-eżerċizzju ta' benchmarking għandu jinċentiva riformi mmirati lejn l-oqfsa ta' infurzar tas-self fl-Istati Membri kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2017.

Fid-dawl tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija u ż-żidiet potenzjali ta' inadempjenzi u NPLs, il-Kummissjoni ser tippubblika komunikazzjoni f'Diċembru li fiha strateġija u azzjonijiet ġodda biex jindirizzaw l-NPLs. Abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq, din il-komunikazzjoni tiffoka fuq miżuri mmirati f'żewġ oqsma: i) l-iżvilupp ulterjuri ta' swieq sekondarji għall-assi f'diffikultà u ii) it-tressiq ta' riformi tal-oqfsa għall-insolvenza u l-irkupru tad-dejn. Parti mill-istrateġija hija wkoll li jitneħħew l-impedimenti regolatorji għax-xiri ta' NPLs u ostakli oħra għall-iżvilupp ta' swieq sekondarji għall-NPLs. Miżura oħra fis-sett ta' għodod biex jiġu indirizzati l-NPLs tista' tkun il-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-assi nazzjonali. Barra minn hekk, huma meħtieġa kwalità u komparabbiltà tad-data aħjar għall-assi f'diffikultà.

Il-**Presidenza Ġermaniża** tistieden lill-COREPER biex jieħu nota ta' dan ir-Rapport, bil-ħsieb li l-ħidma tavvanza aktar.

Il-Presidenza Portugiża hija mistiedna tibni fuq il-progress li sar meta tieħu f'idejha l-Presidenza u tkompli taħdem għat-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja, filwaqt li tindirizza l-linji ta' ħidma differenti tagħha kif maqbul fil-Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016."